MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta ta' l-14 ta' Awwissu, 2013

Rikors Numru. 55/2013

Fl-atti tar-Rikors għall-Ħruġ ta' Kontro-Mandat għall-Mandat ta' Sekwestru Numru 1807/12 fl-ismijiet:

**BONNIĊI BROTHERS LIMITED**

vs

**MOSTA FOOTBALL CLUB** u Kunsill Malti għall-Isport

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq mill-Kunsill Malti għall-Isport (aktar 'il quddiem imsejjaħ "il-Kunsill eżekutat") fit-22 ta' Jannar, 2013, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, talab li din il-Qorti tħassar il-Mandat ta' Sekwestru fuq imsemmi għall-

finijiet tal-artikolu 836(1)(ċ) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta fir-rigward tas-Sekwestratarji HSBC Bank Malta p.l.c. u Bank of Valletta p.l.c. u tħallih fis-seħħ fir-rigward tas-sekwestratarji l-oħrajn;

Rat id-degriet tagħha tat-23 ta' Jannar, 2013, li bih ordnat in-notifika lill-kumpannija intimata eżekutanti bi żmien għan-Nota bħala tweġiba għat-talbiet tal-eżekutati;

Rat in-Nota mressqa mill-kumpannija intimata eżekutanti (aktar 'il quddiem imsejħa "l-eżekutanti") fit-30 ta' Jannar, 2013, li biha u għar-raġunijiet imsemmijin qalet li t-talba tal-Kunsill eżekutat m'għandhiex tintlaqa' u li l-proċedura li biha nqeda l-Kunsill eżekutat m'hijiex tajba;

Rat l-atti kollha tar-rikors u tal-Mandat li għalihom jirreferu;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija proċedura taħt l-artikolu 836(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta għat-tħassir ta' Mandat kawtelatorju. Il-Kunsill eżekutat qiegħed jitlob it-tħassir tal-imsemmi Mandat safejn jirrigwarda wħud mis-sekwestratarji minħabba li l-pretensjonijiet tal-eżekutata tqiegħdu fis-sod billi sekwestratarju ieħor qiegħed f'idejn ir-Reġistratur tal-Qorti flejjes biżżejjed biex jagħmlu tajjeb għas-somma pretiża mill-istess eżekutanti meta talbet il-ħruġ tal-Mandat. Huwa jgħid li b'dak id-depożitu nħalqet garanzija oħra xierqa għall-finijiet tal-artikolu 836(1)(ċ) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Illi mill-fatti ewlenin rilevanti għall-kwestjoni jirriżulta li fid-29 ta' Novembru, 2012, l-eżekutanti talbet u kisbet il-ħruġ ta' Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju kontra l-Kunsill eżekutat u kontra eżekutat ieħor għall-ammont ta' €30,333.58 in kawtela ta' danni li hija allegat li ġarrbet b'nuqqas ta' ħlas għal xogħlijiet appaltati lilha f'*pitch* tal-futbol fil-Mosta. Il-Mandat inħareġ lil seba' (7) sekwestratarji, ħamsa (5) minnhom banek f'Malta. Il-Mandat inħareġ l-għada li ntalab. Il-pretensjoni ta' kreditu

msemmija fil-Mandat hija l-mertu ta' kawża li l-istess eżekutanti fetħet kontra l-Kunsill eżekutat u terzi dakinhar stess li nħareġ il-Mandat, liema kawża għadha qiegħda tinstema' minn din il-Qorti[1];

Illi ġara li mis-sekwestratarji notifikati bl-imsemmi Mandat, tlieta (3) iddepożitaw taħt l-awtorita' tal-Qorti s-somma pretiża mill-eżekutanti fl-istess Mandat, b'mod li, issa hemm depożitata b'kollox somma li hija tliet darbiet dik pretiża mill-istess eżekutanti;

Illi bħala <u>konsiderazzjoni ta' dritt</u> marbuta mal-każ jidher ċar li l-Kunsill eżekutat qiegħed jitlob it-tħassir tal-Mandat ta' Sekwestru maħruġ kontrih fuq il-bażi ta' kawżali waħda, jiġifieri dik maħsuba fl-artikolu 836(1)(ċ) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta billi, minħabba li s-somma sħiħa depożitata taħt l-awtorita' tal-Qorti hija bil-bosta akbar mis-somma pretiża mill-eżekutanti fil-Mandat minnha mitlub, għalhekk iqis li hemm garanzija oħra tajba biżżejjed biex tagħmel tajjeb għal-pretensjonijiet tal-istess eżekutanti msemmija fil-Mandat;

Illi, kif ingħad bosta drabi fi proċeduri bħal dawn, l-istħarriġ li għandha tagħmel il-Qorti huwa biss wieħed *prima facie* u dan għaliex il-mertu jmissu jiġi mistħarreġ fil-kawża proprja bejn il-partijiet[2]. Għalhekk, hija l-fehma tal-Qorti li m'huwiex meħtieġ li tifli fil-mertu l-kwestjonijiet li nqalgħu bejn il-partijiet u li wasslu għall-ħruġ tal-Mandat, u dan ukoll minħabba l-fatt li l-partijiet diġa' ressqu pretensjonijiet rispettivi kontra xulxin li qegħdin jinstemgħu minn din il-Qorti fil-kawża msemmija;

Illi dak li l-Qorti trid tasal għalih f'din il-proċedura m'għandu bl-ebda mod jitqies li jkun qiegħed isir xi ġudizzju fil-mertu dwaru. L-istħarriġ meħtieġ fi proċedura bħal din huwa marbut ma' eżami x'aktarx formali tal-att li tiegħu qiegħed jintalab it-tħassir. Il-Qorti għandha tistħarreġ li r-rekwiżiti mitluba mil-liġi għall-ħruġ tal-Mandat jidhru mill-att innifsu u li dan ma nħariġx b'mod abbużiv[3];

---

[1] Rik. Nru. 1188/12JRM
[2] Ara P.A. RCP **7.2.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Visa Investments Ltd. vs Blye Engineering Co. Ltd***
[3] Kumm GMA**23.6.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Paul Ħili et Dr. Joselle Farruġia noe et*** (mhix pubblikata)

A) Illi kif ingħad, il-kawżali waħdanija msemmija mill-Kunsill eżekutat titkellem dwar l-eżistenza ta' garanzija xierqa oħra biex tagħmel tajjeb għall-pretensjoni ta' min talab il-ħruġ tal-Mandat [Art. 836(1)(ċ)]. Ir-rikorrenti jgħid li, bis-saħħa tad-depożiti li saru mit-tliet sekwestratarji, hemm garanzija tajba biżżejjed biex tagħmel tajjeb għall-pretensjonijiet tal-eżekutanti u li bihom il-Mandat jista' jitħassar safejn hemm dak l-eċċess;

Illi l-eżekutanti twarrab dan l-argument billi tgħid li l-garanzija trid tinstab f'ġid tal-istess Kunsill eżekutat u d-depożiti m'humiex ġid tal-istess Kunsill. Fuq kollox tgħid li f'ċirkostanza bħal din ma missux intalab it-tħassir tal-Mandat, iżda jmissha saret talba mill-istess Kunsill biex il-Qorti tħallih jisbanka s-somma li tqiegħdet żejda;

Illi l-Qorti tibda biex tqis li l-eżekutanti talbet u kisbet il-ħruġ tal-Mandat kontra l-Kunsill eżekutat u kif ukoll kontra terza persuna (Mosta Football Club) bl-istess pretensjoni. Il-Qorti qiegħda tifhem li t-tliet depożiti magħmulin mit-tliet sekwestratarji saru minn flejjes li dawn kellhom f'isem il-Kunsill eżekutat. Ma ssemmiex jekk l-istess sekwestratarji iddepożitawx ukoll flejjes jew assi tal-intimata eżekutata l-oħra;

Illi fi proċedura bħal din, fejn il-parti eżekutanti tressaq Mandat kawtelatorju kontra aktar minn debitur intimat wieħed, il-Qorti hija tal-fehma li kull wieħed mill-imsemmija partijiet eżekutati trid tagħmel tajjeb għall-pretensjonijiet tal-eżekutant fil-Mandat li jkun u t-tressiq tal-garanzija xierqa minn waħda biss mill-partijiet intimati ma sservix biex jinħelsu l-intimati l-oħrajn fir-rabta li jridu jagħtu biex jikkawtelaw il-pretensjonijiet tal-eżekutant f'dak il-Mandat. Dak li mhux imħolli li jsir hu li fir-rigward ta' parti waħda intimata f'Mandat, jinżammu minn aktar minn sekwestratarju wieħed assi u ġid li, magħduda flimkien, ikunu jisbqu l-ammont sħiħ pretiż mill-eżekutant fil-Mandat;

Illi, minbarra dan, fil-kawża li l-Qorti għandha quddiemha mibdija mill-eżekutanti u li dwar il-pretensjonijiet tagħha fiha hija talbet il-ħruġ tal-Mandat mertu tal-każ, joħroġ li l-kumpannija attriċi tippretendi li kull waħda miż-żewġ partijiet imħarrkin (iż-żewġ eżekutati) huma debituri tagħha u dan ifisser li jekk kemm-il darba t-talba tagħha tintalqa' kontra Mosta Football Club u mhux kontra l-Kunsill eżekutat, allura dan ikun ifisser li l-ġid sekwestrat u depożitat taħt l-awtorita' tal-Qorti ma jkunx jista' jintuża mill-eżekutanti bi ħlas tal-pretensjonijiet tagħha, imma jkun jista' jintradd minnufih lill-imsemmi Kunsill eżekutat u l-kumpannija attriċi rebbieħa tibqa' bla garanzija;

Illi għalhekk, il-Qorti ssib li ma ntwerietx raġuni tajba biżżejjed biex tqis li tħassar il-Mandat fuq il-kawżali msemmija;

Illi, għalhekk, il-Qorti filwaqt li tagħraf li, dwar il-Kunsill eżekutat, inżammu flejjes jew assi li jaqbżu l-ammont pretiż mill-eżekutanti, hija tawtorizża lill-istess Kunsill eżekutat biex bil-proċedura xierqa jitlob li jitħalla jisbanka l-flus depożitati minn HSBC Bank Malta p.l.c. u Bank of Valletta p.l.c. bis-saħħa tal-Mandat mertu tal-każ. Iżda ma tilqax it-talba għat-tħassir tal-Mandat;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi:

**Tiċħad it-talba tar-rikorrent Kunsill eżekutat** billi ma hemm l-ebda raġuni tajba li twassal lill-Qorti la biex tħassar il-Mandat, iżda tawtorizzah jisbanka, b'talba ġudizzjarja fis-sedi xierqa, kull somma ta' flejjes depożitati f'ammont li jaqbeż il-kreditu pretiż mill-eżekutanti fil-Mandat mertu tal-każ;

**Tordna** li l-**ispejjeż ta' din il-proċedura** jibqgħu mingħajr taxxa bejn il-partijiet.

Mogħti kameralment illum, 14 ta' Awissu, 2013.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------